## "TAL-MIDINBIN"

*Ta'* W. Gulia

Oh Żgħożija, ja żgħożija,
    Fejn hi d-daħka ta' għajnejk?
Fejn hi l-warda tat-tbissima
    Illi tilgħab fuq xofftejk?

Ġew l-eħirsa ta' l-iljieli
    Imwerwrin u imwaħħxin—
Ġew igħiduli dak li ġara
    Taħt id-dell *tal-Midinbin*.

"Kien il-qamar jisħar waħdu
    Ġewwa l-ħemda ta' bil-lejl,
Meta resqet, lesta għall-ħarba,
    Tistennieh għaliha ġej...

"Kienet sbejħa daqs il-qronfla,
    U għajnejha żewġ ġawhriet,
It-tbissima qisha ħolma,
    Ġewwa ruħha : ir-rażna u s-skiet.

"Rat id-dell *tal-Midinbin*
    Qiegħed jikber u jiċkien,
Dlielha ħassu n-nida taqa',
    Qalbha ħabbtet tul iż-żmien.

"Le ma ġiex il-maħbub tagħha,
    Fommu mimli bews u sliem,
Ġew minflok il-qlub kefrija
    U ta' jiemha rat it-tmiem...

"Ġewwa d-dalma ta' kantina
    Qed ilissen l-aħħar kliem,
Qalbu ttenni l-wegħda tiegħu,
    F'wiċċu jidher sebħ is-sliem :

" 'Le għalxejn ifur minn qalbhom
    L-għadab tagħhom għajjurin ,
Għaliex ruħi tibqa' dejjem
    Taħt id-dell *tal-Midinbin*'."